BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

MBA Malta Bankers' Association

REGOLI ĠODDA DWAR IĊ-ĊEKKIJIET

Jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2027

Id-Direttiva Nru 19 tal-Bank Ċentrali ta' Malta, kif aġġornata, tintroduċi l-bidliet li ġejjin:

1



L-ammont taċ-ċekkijiet li jinħarġu jrid ikun ta' mill-inqas €50.

Il-banek ser jipproċessaw biss ċekkijiet ta' €50 jew aktar.

2



Iċ-ċekkijiet ser ikunu validi għal tliet xhur.

Trid tiddepożita ċekk fi żmien tliet xhur kalendarji mid-data miktuba fuqu. Id-drafts bankarji jibqgħu validi għal sitt xhur.

3



Iċ-ċekkijiet ma jistgħux jibqgħu jissarrfu fi flus kontanti għand il-kaxxiera.

Iċ-ċekkijiet kollha jridu jiġu ddepożitati fil-kont bankarju tal-persuna jew organizzazzjoni msemmija fuq iċ-ċekk, ikun xi jkun l-ammont tiegħu.

4



Meta tiddepożita ċekk tal-Bank Ċentrali ta' Malta jew ċekk fl-istess bank li ħareġ iċ-ċekk:

- Dak iddepożitat permezz ta' ATM: il-flus ikunu disponibbli sa tmiem il-jum tax-xogħol ta' wara.
- Dak iddepożitat għand il-kaxxiera: il-flus ikunu disponibbli minnufih.

5



Kun ċert/a li għandek biżżejjed flus qabel ma toħroġ ċekk.

Iċċekkja li l-kont tiegħek għandu biżżejjed flus biex tkopri l-ammont taċ-ċekk. Jekk ma jkunx hemm flus biżżejjed, il-bank jirritorna ċ-ċekk mhux imħallas u joħroġ twissija. Wara sitt twissijiet, il-bank jirtiralek il-ktieb taċ-ċekkijiet.

Skennja għad-dettalji kollha dwar ir-regoli l-ġodda taċ-ċekkijiet